# Dementia (**dimenxja**)

REVIEWED August 2004
NSW Multicultural Health Communication Service

## Risposti ghal mistoqsijiet komuni dwar telf u konfuzjoni tal-memorja.

MALTESE

**M. X'inhi d-dimenxja?**
**R.** Dimenxja hija l-isem ta' grupp ta' sintomi li jirrizultaw minn falliment ta' funzjoni fil-moħħ. Sinjali ewlenin huma nuqqas ta' memorja, konfuzjoni, disorjentazzjoni u tnaqqis fil-funzjoni intellettwali.

Kulħadd jinsa xi affarijiet minn zmien għal zmien, forsi xi naqra iktar meta navvanzaw fl-eta, imma n-nuqqas tal-memorja bid-dimenxja hija differenti. Hija persistenti u progressiva, u mhux ta' kultant. Tiswielek li titlef l-impjieg. Tinsa tixgħel l-gas . Tfisser li titlef trieqtek. Fl-aħħar tispicca tinsa kif tilbes, kif tieħu ħsieb l-indafa tiegħek u anke tinsa li tispicca dak li tkun qed tghid.

**M. X'tikkaguna d-dimenxja?**
**R.** Is-sintomi tad-dimenxja jigu kawżati minn kawżi differenti. Il-marda Alzheimer tikkaguna 70% mill-każi kollha tad-dimenxja. Vascular dementia (qabel mgħarufa bħala Multi-infarct dementia) hija t-tieni l-iżjed kawża komuni, u spiss tirrizulta minn ħafna attakki żhar ta' puplesija jew tnaqqas ta' cirkolazzjoni tad-demm għal-moħħ. Dimenxja oħrajn jinkludu l-marda Pick's, il-marda Lewy Body u dementia tal-lobu quddimin tal-moħħ. Id-dimenxja tista tiġi kkawżata wkoll minn xorb ta spiriti għal żmien twil, mard tat-thyroid, tumuri fil-moħħ jew l-AIDS.

**M. Tista l-marda "Alzheimer" u mard ieħor tad-dimenxja jiġu kkurati jew imfejqa?**
**R.** Għalkemm qed isiru ricerki kbar mad-dinja kollha, sfurtunatament, għalissa m'hemmx fejqan jew kura prattikabbli għal-marda "Alzheimer's".

Xi ftit dimenxja tista tiġi kurata u kultant tiġi drammatikament imreġġħa lura. Għalhekk hija ħaga wisq importanti li ssir stima medika xierqa.

**M. Kemm hemm nies li għandhom id-dimenxja?**
**R.** Fil-1998, fl-Awstralja, madwar 135000 persuna ta 60 sena jew aktar kienu jbgħatu minn dimenxja moderata jew serja u numru sostanzjali għandhom sintomi tal-bidu. Minħabba li l-popolazzjoni qiegħdha tixjieħ, huwa mistenni li dawn jitilgħu għal 65% sas-sena 2016.

**M. Lil min tolqot id-dimenxja?**
**R.** Ikun min ikun. Id-dimenxja tolqot kull eta, imma l-anzjani għandhom riskju akbar għal din il-marda. Wieħed minn kull erba minn-nies ta 85 sena jew aktar għandhom dimenxja moderata jew serja.

**M. Il-marda Alzheimer's tintired?**
**R.** Jekk int iben, bint, ħu jew oħt xi ħadd li għandu l-marda "Alzheimer's", ir-riskju li tiżviluppa din il-marda jiddependi mill l-eta li kellu l-qarib meta qabditlu l-marda.
Jekk il-qarib tiegħek kellu l-marda Alzheimer's meta kien avvanzat fl-eta, per ezempju wara il-65 jew 70 sena, ir-riskju tiegħek huwa biss kemm kemm għola minn dak tal-populazzjoni ġenerali. Ir-riskju tiegħek ikun iżjed għola, 20-25%, jekk inti għandek żewġ ġenerazzjonijiet principali li kellhom il-marda "Alzheimer's" qabel l-eta ta' 65 sena. Jekk il-qarib huwa ġej minn ġenerazzjoni l-bogħod, e.g. nanniet, kuġini jew żijiet, ir-riskju tiehek huwa l-istess daqs il-populazzjoni ġenerali.

**M. Kif tgħaraf is-sintomi bikrin tad-dimenxja?**
**R.** Is-sinjali bikrin tad-dimenxja jistgħu jkunu dubjużi u mhux cari. Meta membru tal-familja jew xi ħabib intimu jibda jinduna, oħrajn jistgħu ma jemmnux u jgħidu li dik hija fazi qasira li għaddej minnha. U fil-fatt jista jkun hemm raġuni loġika għal dak it-tibdil li gie nnutat. Kultant stat ta' emozzjoni bħal anzjeta u depressjoni tista twassal lill dik il-persuna tinsa iktar u titlef il-koncentrament. Hemm ħafna ragunijiet għalxiex wieħed jinsa apparti d-dimenxja.

Sintomi tad-dimenxja jistgħu jinkludu:

- Żieda fil-każi fejn wieħed jinsa.
- Ma tkunx tista titgħallem informazzjoni ġdida jew issegwi direzzjonijiet;
- Tirrepeti l-istess storja kemm l-darba u tistaqsi l-istess mistoqsijiet;
- Diffikulta li issib l-aħjar kelma jew tispicca sentenza;
- Tħawwad l-kliem (li ma jgħamlux sens);
- Titlef affarijiet, taħbi l-affarijiet jew takkuża lill-ħaddieħor li qiegħed jisirqek;
- Konfużżjoni dwar il-ħin tal-ġurnata, fejn tkun qiegħed jew minn huma n-nies ta' madwarek;
- Biża', nervi, dwejjaq, rabja u dipressjoni;
- Tibki ħafna jew tibda titbellaħ;
- Tinsa kif tgħamel l-affarijiet ta' kuljum, bħal li ssajjar, tiekol, issuq karozza, jew tinħasel.

**M. X'għajnuna hemm li tista tgħamel użu minna?**

- **Stima professjonali.**

R. Illum l-ġurnata hija rikonoxxuta l-importanza ta' stima addattata. It-tabib tiegħek jista jirrakomanda servizz specjalizzat ta' stima mill-Aged Care Assessment Team (ACAT) lokali jew kunsulta privata ma' neuroloġista, psikjatra, jew ġerjatrista. L-Alzheimer's Association ta' NSW tista tirreferik għall-ACAT lokali.

**M. Għaliex ngħamel stima?**
R. Stima kompluta tgħidlek ħafna affarijiet:

- X'inhi l-marda
- Jekk il-marda tistax titreġġa lura jew ikkurata;
- It-tip u l-avvanz tad-disabilita;
- Il-bnadi fejn persuna tista tiffunżjona tajjeb;
- Il-tibdil li wieħed jista jistenna fil-futur;
- Mkejjen fejn tkun tista tikseb appoġġ, assistenza u għajnuna.
- Informazzjon w ghajnuna

Meta tieħu ħsieb xi ħadd li jbgħati bil-dimenxja, tista issofri għejja kbira kemm fiżikalment kif ukoll emmozzjonalment. L'Alzheimer's Association ta' NSW hija organizzazzjoni mingħajr profit li tipprovdi servizz t'appoġġ ma' l-istat kollu għal dawk in-nies li messithom id-dimenxja.

Dawn is-servizzi b'xejn jinkludu "Helpline" li membri tal-familja, ħbieb jew dawk li huma koncernati mid-dimenxja jistgħu cemplu (1800 639 331). Kunsillieri professionali u voluntieri mħarrgin apposta jistgħu ikellmuk dwar tħassibu l-inkwiet tiegħek, jipprovdu nformazzjoni fuq id-dimenxja u kif timmaniġġja l-marda, kif ukoll jirriferuk għal servizzi addattati provduti lokalment. Pariri wicc imb'wicc huma provduti wkoll. Għal dawn is-servizz jistgħu jigu provduti interpriti wkoll.

L'Association tikkordina iżjed minn 130 gruppi ta' għajnuna f'NSW għal dawk li jieħdu ħsieb nies bid-dimenxja. Librerija dwar id-dimenxja u servizz t'edukazzjoni huwa provdut ukoll mill-Association.

**Legali, Finanzjali, u Kustodju.**
Materja legali u finanzjarja għanda titqies mill-aktar kmieni meta xi ħadd fil-familja jkollu d-dimenxja. Kemm il-persuna bid-dimenxja kif ukoll min jieħu ħsiebu jista jkollhom bzonn pariri professjonali kemm legali kif ukoll finanzjarji biex jgħamlu testment, Prokura Perpetwa, Kustodju Perpetwu w affarijiet oħra.

Jekk ikun hemm nuqqas ta'qbil fil-familja fuq x'hinu l-aħjar interessi għal persuna bid-dimenxja, jista jkollok bzonn tikkuntatja lill-"Guardianship Tribunal" fuq numru 1800 463 928.

Is-servizzi t'hawn taħt jistgħu jiġu organizzati mill-"Aged Care Assessment Team", jiddempendi minn kemm ikun hemm post lokalment u s-sitwazzjoni tiegħek partikolari.

**Għajnuna fid-Djar:**
Għajnuna prattika lill-persuna li għandha d-dimenxja u lill minn jieħu ħsiebha kemm il-darba tkun necessarja. Servizzi ta'kura fil-komunita' jinkludu: ners fid-dar, nħsil, għajnuna fix-xogħol tad-dar, għajnuna fil-ġnien, ikel, xiri etc.

**Kura ta Serħan.**
Hemm varjeta ta'kura ta'serħan għal dawk tal-familja li jieħdu ħsieb qrabathom bid-dimenxja, biex huma stess jistrieħu. Bil-kura ta'serħan, il-persuna bid-dimenxja jieħdu ħsiebha impjegati mħallsa. Centri għall-adulti jipprovdu kura ta'ftit siegħat kultant. Għal mistrieħ itwal, kura tista tiġi rrangata jew fid-dar, jew bil-lejl jew iljieli f'dar għal kura tal-anzjani.

**Kura Residenzjali.**
Meta d-dimenxja tiprogressa, ikun hemm bzonn ta'ners professjonali l-ħin kollu. Hemm djar apposta għal kura tal-anzjani (hostels u nursing homes).

Ftakar, li tista m'ghandekx ghalfejn tghamel kollox wahdek.
L-għajnuna hija biss telefonata l-bogħod:
Cempel Free Help Line: 1800 639 331.

Alzheimer's Association NSW
P.O.Box 6042, North Ryde NSW 1670
www.alznsw.asn.au

In-numri tat-telefon huma korrretti fid-data tal-pubblikazzjoni iżda m'humiex kontinwament aġġornati. Forsi jkoll bżonn tiċċekkja n-numri fil-ktieb tat-telefon.

NSW HEALTH

ALZHEIMER'S ASSOCIATION NSW
*Sharing Dementia Care*

Written by the Alzheimer's Association NSW and Professor Henry Brodaty.
Printed by NSW Health Department
April 1999
State Health Publication No. (CMH) 99 0043

Further copies available from the Better Health Centre, P.O.Box 58, Gladesville NSW 2111
Ph: 9816 0452 - Fax: 9816 0492 - email: DEI@doh.health.nsw.gov.au